# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru ħamsa (5) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 20 ta' Marzu 2013, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi l-organizattur qiegħed jaħdem fuq ir-rotta tat-tellieqa taċ-ċiklismu [Ref. Punt nru 3.1]. Qal illi se tkun l-aħħar tellieqa qabel il-logħob tal-pajjizi z-zgħar u t-tellieqa se tkun l-aħħar opportunita biex dawn l-atleti jikwolifikaw għal dan il-logħob. Qal illi dawn se jduru 'laps' madwar ir-raħal u se jkollhom bzonn 'warm-up area'.

Żied illi t-triathlon se tkun fis-26 ta' Mejju u se tibda minn Birżebbugia. Ir-rotta tgħaddi mit-triq ta' Ħal Far u se jibdew il-ġirja mill-Pjazza. Qal illi m'hemmx għalfejn nagħlqu t-toroq u din l-attivita se tkun miftuħa għal kulħadd.

3.2 Il-Carlo Stivala qal illi l-persuna li esprima x-xewqa li jagħmel kors taċ-ċikliżmu u għawm għat-tfal [ref pount nru 3.1] diġa għandu madwar 20 tifel u tifla li huma nteressati li jagħmlu dan il-kors. Qal illi din il-persuna għanda tkellem lill-Kunsill.

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill għarraf lil pulizija li se jkollhom ikunu preżenti waqt l-attivita taċ-ċikliżmu li se jsir fit-triq Carmelo Caruana: Politiku u Avukat nhar il-Ħadd 24 ta' Marzu u li l-Kunsill se jkollu jħallas €76.18 għas-servizz tagħhom. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi 170 ċiklista se jkunu preżenti. Qal ukoll illi hemm min se jisponsorja l-event. Għamel talba wkoll biex il-Kunsill jibgħat lil Kunsill ta' Ħal Kirkop biex ineħħu ż-żrar illi hemm lejn ir-roundabout ta' wara l-mina tal-ajruport.

3.4 Is-Sindku qal illi reġa talab sabiex jiġu jagħmlu l-valenu tal-ġrieden [ref punt nru. 3.3].

3.5 Is-Sindku qal illi matul il-ġimgħa d-dieħla se jsir ix-xogħol meħtieġ fuq is-sinjali ta' triq San Ġwann. Il-Kunsill qed jistenna sakemm tasal iż-żebgħa [ref punt nru. 3.5].

3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-MRRA m'għandhomx iċ-ċwievet tal-katakombi [ref punt nru 3.8]. Is-Sindku qal illi sema li ċ-ċwievet qegħdin fil-Kunsill Lokali taż-Żurrieq. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ħadd m'għandu d-devoluzzjoni u għalhekk mhux suppost għandhom iċ-ċwivet. Is-Sindku qal illi jixtieq illi naħdmu flimkien mal-Kunsill taż-Żurrieq biex nassiguraw il-protezzjoni tal-istat tal-katakombi. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ipropona li nagħmlu katnazz fl-entratura peress illi qegħdin fil-konfini tagħna.

3.7 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ma jistax jifhem għalfejn il-kunsilliera għamlu u-turn għas-suġġeriment tiegħu biex nagħmlu bandiera mal-konfini tagħna [naħa ta Żurrieq] fl-aħħar laqgħa meta ma kienx preżenti hu. Is-Sindku qal illi għandna nieħdu li hu tagħna mingħajr pika. Qal ukoll illi jemmen illi għandna nagħmlu l-bandiera fejn il-katakombi jekk ikollna aċċess għalihom.

3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ispettur skuża ruħu li ma ħa l-ebda azzjoni fuq l-ilment tal-Kunsill rigward il-maħżen [ref punt nru. 3.9]. Dan kien għaliex kellu ħafna x'jagħmel. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi l-periklu għadu jeżisti. Qal ukoll illi qed jirċievi ħafna lmenti mir-residenti imma fl-istess ħin jaf illi hemm min qed jigwadanja. Il-kunsilliera qablu li r-residenti ta' triq il-Kenn, triq San Tumas u l-ġenituri tat-tfal illi jmorru l-Mużew, għandhom jagħmlu petizzjonijiet separati.

3.9 Il-Viċi Sindku ta l-ismijiet tal-persuni li qegħdin fil-Kumitat tal-Edukazzjoni u Kultura. Dawn huma s-sur Tony Pace, is-sur Tarċisju Barbara, is-sur Mark Paul Busuttil, is-sinjorina Joanna Falzon, is-sur Roderick Cachia, is-sur Saviour Sammut, is-sur Jorge Spiteri, is-sur Kristian Mifsud, is-sur John Lauri, is-sur Karmenu Busuttil u s-sur Charles Fenech [ref punt nru. 3.10]

3.10 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi biex isir bus shelter l-isfel minn Barbara Press, ħa jkollhom jidħlu fl-għellieqi [ref punt nru. 4.2]

3.11 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk saret il-mixja fir-raħal [ref punt nru 4.3]. Il-mixja saret u kien hemm madwar 40 ruħ preżenti.

3.12 Il-kunsilliera Publius Abdilla u Pietru Pawl Busuttil ma qablux illi l-bord tal-għażla tal-Premju Onorefiċenza ġie magħżul barra l-kamra tas-seduti tal-Kunsill [ref punt nru 6.1]. Huma qalu ma sabu l-ebda oġġeżżjoni għal membri iżda qalu li kellhom ikunu parti mid-deċiżjoni tal-ħatra tal-bord.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal il-Kor ikonfermaw illi ġejjin jipparteċipaw fis-serata tas-Sibt għal 15 il-minuta [ref punt nru. 6.2]. Qal ukoll illi s-serata tas-Sibt se ssir fis-sala tal-Iskola [ref punt nru. 6.4].

3.13 Il-kunsillier Carlo Stivala ħareġ specimen tal bollol personalizżati [ref punt nru. 7.2]. Qal illi se jkun hemm il-mappa ta' Malta bħala bolla, l-arma tar-raħal u b'ritratt mal-ġenb. Dawn jistaw jintużaw bħala rigal u jiġu ttimbrati skond l-okkazzjoni. Il-Kunsill se jordna 30 [il-minimu] meta jkun hemm bżonnhom.

3.14 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi jaf b'persuna li jagħmel awdjo-visuals ħalli l-Kunsill ikun jista jakwista kwotazzjoni mingħandu [ref punt nru 7.4]

3.15 Is-Sindku qal illi wasal il-permess biex isiru yellow lines f'triq Dun Karm Vella.

**4. Korrespondenza**

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill m'hu se jakwista xejn mill-fondi speċjali [il-Kunsill applika għal I.T room] jew biex isiru book boxes [fondi li l-Kunsill kien applika għalijom fi Frar]

4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill ħa fondi għal librerija, għall-isports u għal kultura. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil lmenta dwar l-azzjoni li ħa s-Sindku fejn kiteb fuq facebook illi hu, bħala Sindku preċedenti, ħa €3500 għal attivita [ta' Kanta Napoli] u għal festa ikbar il-Kunsill eżistenti se jakkwista biss €2000. Is-Sindku qal illi jemmen illi dan huwa att ta' diskriminazzjoni kontra l-Kunsill il-ġdid.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti tas-seduta preċedenti**

5.1 Il-kunsilliera qablu mal-PAS u ffirmaw il-PAS tal-laqgħa preċedenti.

**6. Jum Ħal Safi**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal kif se jkun maqsum il-programm għal Jum Ħal Safi:

Il-Ġimgħa: Wine and Pizza Night bil-Mużika Folklor.
Is-Sibt: Is-sur Mario Ciantar se jdoqq il-vjolin għal 45 minuta. Dan se jkun maqsum f'tlett intervali ta' 15-il minuta. Bejn kull interval se jidħlu l-Kor Kreattiv u t-tfal tal-kors tad-Drama li se jagħmlu s-serati tagħhom, waqt illi se tkanta t-tfajla Federica Falzon li rebħet San Remo 2013 [u l-Kunsill se jagħti memento bħala rikkonoxximent]. Is-sur Ciantar se jagħlaq l-attivita wara li jingħata l-Premju.
Il-Ħadd: Quddies u riċeviment.

6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva tlett kwotazzjonijiet minn Caterers għall-attivita tal-Ħadd. Dawn kienu James Caterers [€615.40], Neriku [€571.71] u PrimaVera [€705.05]. Il-Kunsill għażel lil Neriku bħala l-irħas wieħed.

6.3 Il-Kunsill se jara x'sound għandhom l-iskola għall-attivitajiet tas-Sibt.

6.4 Il-kunsilliera qablu li ssir l-isports day nhar is-Sibt 13 t'April 2013 għat-tfal tar-raħal biss. Dan se jsir bejn 3-5pm. Il-Kunsill se jagħti tokens, ilma, ħelu u frott u l-attivita se ssir fil-grawnd tal-futbol.

**7. Ħwejjeġ oħra**

7.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa x'ġara bit-tabella ta' Ħal Safi f'triq San Ġwann. Is-Sindku qal illi kienet mal-art ġbarna u issa qegħda għandna. Jemmen illi kien att ta' vandaliżmu.

7.2 Il-kunsillier Publius Abdilla talab għal update rigward il-linji s-sofor ta' triq San Ġwann ħalli nirranġaw il-problema fejn hemm min qed jipparkja f'parti perikuluza tat-triq. Is-Sindku qal illi dan ix-xogħol ma setax isir qabel peress illi ma kelniex il-ħaddiema.

7.3 Il-kunsillier Publius Abdilla talab għal update rigward ix-xogħol tal-patching. Is-Sindku qal illi ordna x-xogħol erbgħa xhur ilu u issa rċevejna risposta li x-xogħol ħa jsir. Qal ukoll illi l-istima tax-xogħol hija ta' €2000, kif ukoll għandna nixtru l-materjal.

7.4 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi fil-passat il-Kunsill kien approva pedestrian crossing f'triq San Pawl. Is-Sindku qal illi dan se jsir mill-ħaddiema. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil hu tal-opinjoni li dan ix-xogħol għandu jsir mill-MSD u li għandna nagħmluhom bid-dawl. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm bzonn illi nsibu l-aħjar post fit-triq għal dan, waqt illi l-kunsilliera Publius Abdilla u Pietru Pawl Busuttil qalu li huma ċerti li hemm min se jilmenta.

7.5 Is-Sindku qal illi l-ħaddiema qegħdin jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tal-bandli wara li l-kunsillier Publius Abdilla kien fakkar fuq dan ix-xogħol u żied ukoll l-opinjoni tiegħu illi nagħmluhom bħal taż-Żurrieq illi issa jidhru izjed siguri u sbieħ għat-tfal.

7.6 Il-kunsillier Publius Abdilla fakkar illi għandna nixtru pots għal fjuri. Is-Sindku qal illi meta jsib 5 minuti ħa jmur jiġborhom. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm ħafna fjuri mejtin bl-għatx fil-ġnien barra l-Kunsill. Is-Sindku qal illi l-ġardinar se jieħu ħsiebhom.

7.7 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm wire maqtugħ fil-grawnd tal-futbol. Is-Sindku qal illi diġa sewejniha darbtejn. Il-kunsillier Carlo Stivala fakkar illi għandna nagħmlu l-banner tal-grawnd.

7.8 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi fejn il-garaxx tal-Kunsill hemm toqba tad-dranaġġ u joħorġu l-ġrieden minn hemm. Hemm bzonn illi nagħlquha.

7.9 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa s-Sindku meta se jsiru l-bankijiet fil-Misraħ San Ġużepp u fejn wasalna bis-CCTV. Is-Sindku qal illi qegħdin induru bil-kamera u li l-bankijiet se jitpoġġew lura. Il-kunsillier Publius Abdilla lmenta li jekk idum biex isir dan, in-nies li joqogħdu hemm se jidraw mingħajr dawn il-bankijiet u jibdew joġġezzjonaw li jerġgħu jsiru wara. Is-Sindku qal illi ħaddieħor xorta se jilmenta jekk dawn jitpoġġu lura jew le. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil issuġġerixxa li nagħmlu bollards mal-Misraħ. Ma sab l-ebda oġġezzjoni mas-suġġeriment izda l-kunsillier Publius Abdilla qal illi bihom inkunu qegħdin nistennew izjed vendikazzjonijiet. Issuġġerixxa li nagħmlu pots tal-konkos minflok, għax huma diffiċli biex iċċaqlaqhom jew tkissirhom. Il-kunsilliera kollha qablu mal-proposta.

**8 Laqgħa li jmiss**

8.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

8.2 Il-laqgħa li jmiss se jsir fis-10 t' April 2013.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |